II

(Atti mhux leġiżlattivi)

ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABBILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

It-testi oriġinali tan-NU/KEE biss għandhom effett ġuridiku skont id-dritt internazzjonali pubbliku. L-istat u d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu vverifikati fl-aħħar verżjoni tad-dokument tal-istat NU/KEE TRANS/WP.29/343, disponibbli fuq:

http://www.unece.org/trans/main/wp29/wp29wgs/wp29gen/wp29fdocstts.html

Ir-Regolament Nru 58 tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NU/KEE) — Dispożizzjonijiet uniformi għall-approvazzjoni ta':

I. It-Tagħmir għall-Protezzjoni mit-Trikkib minn Wara (TPTW)

II. Il-vetturi fir-rigward tal-installazzjoni ta' TPTW ta' tip approvat

III. Il-vetturi fir-rigward tal-protezzjoni mit-trikkib minn wara (PTW) tagħhom [2019/272]

Jinkorpora t-test validu kollu sa:

Is-serje ta' emendi 03 tar-Regolament – Data tad-dħul fis-seħħ: It-18 ta' Ġunju 2016

WERREJ

REGOLAMENT

1. Kamp ta' applikazzjoni
2. Rekwiżiti ġenerali
3. Definizzjonijiet komuni għall-Partijiet I, II u III

PARTI I. APPROVAZZJONI TAT-TPTW

4. Definizzjonijiet
5. Applikazzjoni għall-approvazzjoni
6. Approvazzjoni
7. Rekwiżiti
8. Konformità tal-produzzjoni
9. Penali għal nuqqas ta' konformità tal-produzzjoni
10. Modifika u estensjoni tal-approvazzjoni ta' tip ta' TPTW
11. Produzzjoni mwaqqfa b'mod definittiv
12. Ismijiet u indirizzi tas-Servizzi Tekniċi responsabbli mit-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni u tal-Awtoritajiet tal-Approvazzjoni tat-Tip

PARTI II. APPROVAZZJONI TA' VETTURA FIR-RIGWARD TAL-INSTALLAZZJONI TA' TPTW TA' TIP APPROVAT

13. Definizzjonijiet
14. Applikazzjoni għall-approvazzjoni
15. Approvazzjoni

16. Rekwiżiti għall-installazzjoni ta' TPTW approvat

17. Konformità tal-produzzjoni

18. Penali għal nuqqas ta' konformità tal-produzzjoni

19. Modifika u estensjoni tal-approvazzjoni ta' tip ta' vettura

20. Produzzjoni mwaqqfa b'mod definittiv

21. Ismijiet u indirizzi tas-Servizzi Tekniċi responsabbli mit-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni, u ta' Awtoritajiet tal-Approvazzjoni tat-Tip

PARTI III. APPROVAZZJONI TA' VETTURA FIR-RIGWARD TAL-PROTEZZJONI MIT-TRIKKIB MINN WARA (PTW)

22. DEFINIZZJONIJIET

23. Applikazzjoni għall-approvazzjoni

24. Approvazzjoni

25. Rekwiżiti għall-PTW

26. Konformità tal-produzzjoni

27. Penali għal nuqqas ta' konformità tal-produzzjoni

28. Modifika u estensjoni tal-approvazzjoni ta' tip ta' vettura

29. Produzzjoni mwaqqfa b'mod definittiv

30. Ismijiet u indirizzi tas-Servizzi Tekniċi responsabbli mit-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni u tal-Awtoritajiet tal-Approvazzjoni tat-Tip

PARTI IV. DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻIZZJONALI

31. Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

ANNESSI

1. Komunikazzjoni (Parti I)

2. Komunikazzjoni (Parti II)

3. Komunikazzjoni (Parti III)

4. Arranġamenti tal-marki tal-approvazzjoni

5. Kundizzjonijiet u proċeduri tat-test

6. Vetturi speċifiċi

7. Rekwiżiti għal kategoriji ta' vetturi differenti

1. KAMP TA' APPLIKAZZJONI

1.1. Dan ir-Regolament japplika għal:

1.1.1. PARTI I: it-TPTW li huma intenzjonati li jintramaw fuq vetturi tal-kategoriji M, N u O [1];

1.1.2. PARTI II: l-installazzjoni fuq vetturi tal-kategoriji M, N u O [1] ta' TPTW li għandhom l-approvazzjoni tat-tip mal-Parti I ta' dan ir-Regolament;

1.1.3. PARTI III: vetturi tal-kategoriji M, N u O [1] mgħammra b'TPTW li ma ġiex approvat separatament skont il-Parti I ta' dan ir-Regolament jew imfassal u/jew mgħammar b'tali mod li l-partijiet tal-komponenti tiegħu jistgħu jitqiesu li jissodisfaw kompletament jew parzjalment il-kompitu tat-TPTW;

1.1.4. Vetturi tal-kategoriji M_1, M_2, M_3, N_1, O_1 u O_2 [1] fuq bażi tal-protezzjoni mit-trikkib minn wara.

[1] Kif definiti fir-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3), dokument ECE/TRANS/WP.29/78/Rev.6, para. 2 - www.unece.org/trans/main/wp29/wp29wgs/wp29gen/wp29resolutions.html

1.2. Dan ir-Regolament ma japplikax għal:

1.2.1. Unitajiet tal-ġbid għal vetturi artikolati;

1.2.2. Trejlers iddiżinjati u mibnija speċjalment għat-trasport ta' tagħbijiet twal ħafna ta' tul indiviżibbli, bħal travi tal-injam, vireg tal-azzar, eċċ.;

1.3. Il-vetturi fejn kwalunkwe TPTW (eż. fiss, li jista' jitneħħa, jintlewa, jew jiġi aġġustat, eċċ.) huwa inkompatibbli mal-użu tagħhom fit-toroq jistgħu jiġu eżentati parzjalment jew bis-sħiħ minn dan ir-Regolament, liema eżenzjoni hija soġġetta għad-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip.

2. REKWIŻITI ĠENERALI

2.1. Il-vetturi kollha għandhom jiġu mibnija u/jew mgħammra b'mod li jagħtu protezzjoni effettiva tul il-wisa' kollha tagħhom kontra t-trikkib minn wara tal-vettura kif imsemmi fil-paragrafu 1 ta' dan ir-Regolament fil-każ ta' ħabta minn wara ma' vetturi tal-kategoriji M_1 u N_1. ([2])

2.2. Il-vettura għandha tiġi ttestjata taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2 tal-Anness 5.

2.3. Kwalunkwe vettura f'waħda mill-kategoriji M_1, M_2, M_3, N_1, O_1 jew O_2 għandha titqies li tissodisfa l-kundizzjoni stabbilita hawn fuq:

(a) Jekk tissodisfa l-istess kundizzjonijiet kif stabbiliti fil-Parti II jew Parti III, jew

(b) Jekk il-qtugħ mill-art tal-parti ta' wara tal-vettura mhux mgħobbija ma jaqbiżx il-550 mm fuq wisa' li mhijiex iqsar minn dik tal-fus ta' wara b'aktar minn 100 mm fuq kull naħa (eskluż kwalunkwe parti tat-tajer li tesporġi 'l barra viċin l-art), jew

(c) Jekk, fil-każ tal-vetturi tal-kategoriji O_1 u O_2 fejn it-tajers jesporġu aktar minn nofs il-wisa' tagħhom 'il barra mill-karrozzerija tal-vettura (eskluż il-parafangi) jew 'il barra mix-xażi (f'każ ta' vettura li ma jkollhiex karrozzerija), il-qtugħ mill-art tal-parti ta' wara tal-vettura mhux mgħobbija ma jaqbiżx il-550 mm fuq wisa' li mhijiex iqsar minn 100 mm imnaqqsa mid-distanza mkejla bejn l-aktar punti 'l ġewwa tat-tajers (eskluż kwalunkwe parti tat-tajer li tesporġi 'l barra viċin l-art), fuq kull naħa.

Meta hemm aktar minn fus wieħed fuq wara, il-wisa' li għandha tiġi kkunsidrata hija dik l-aktar wiesgħa.

Ir-rekwiżiti tal-paragrafi 2.3(b) u 2.3(c) ta' hawn fuq għandhom jiġu ssodisfati tal-inqas fuq linja:

(a) Li ma tkunx distanti aktar minn 450 mm mill-estremità ta' wara tal-vettura;

(b) Li t-total tal-interruzzjonijiet tagħha ma jkunx aktar minn 200 mm.

2.4. Kwalunkwe vettura tal-kategorija G se titqies li tissodisfa l-kundizzjoni tal-qtugħ mill-art stabbilita hawn fuq, jekk l-angolu tat-tluq (ISO 612:1978) ma jaqbiżx:

(a) l-10° għall-vetturi tal-kategoriji M_1G u N_1G;

(b) l-20° għall-vetturi tal-kategoriji M_2G u N_2G; u

(c) il-25° għall-vetturi tal-kategoriji M_3G u N_3G;

fuq wisa' li mhijiex iqsar minn dik tal-fus ta' wara b'aktar minn 100 mm fuq kull naħa (mingħajr ma tgħodd kwalunkwe parti tat-tajers li tesporġi 'l barra viċin l-art).

Meta hemm aktar minn fus wieħed fuq wara, il-wisa' li għandha tiġi kkunsidrata hija dik l-aktar wiesgħa. Ir-rekwiżiti tas-subparagrafi (a) sa (c) ta' dan il-paragrafu għandhom jiġu ssodisfati tal-inqas fuq linja:

(a) Li ma tkunx distanti aktar minn 450 mm mill-estremità ta' wara tal-vettura;

(b) Li t-total tal-interruzzjonijiet tagħha ma jkunx aktar minn 200 mm.

3. DEFINIZZJONIJIET KOMUNI GĦALL-PARTIJIET I, II U III

3.1. Għall-fini ta' dan ir-Regolament:

3.1.1. "Massa minagħjr tagħbija" tfisser il-massa tal-vettura fi stat ta' tħaddim, mhux okkupata u mingħajr tagħbija iżda mimlija bil-fjuwil, bil-fluwidu berried, bil-lubrikant, bl-għodod u bi stepni (jekk fornut bħala tagħmir standard mill-manifattur tal-vettura);

3.1.2. "Massa massima" tfisser il-massa ddikjarata mill-manifattur tal-vettura li hija teknikament permissibbli (din il-massa tista' tkun ogħla mill-"massa massima permissibbli" stipulata mill-amministrazzjoni nazzjonali);

([2]) Kif definiti fir-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3), dokument ECE/TRANS/WP.29/78/Rev.6, para. 2 - www.unece.org/trans/main/wp29/wp29wgs/wp29gen/wp29resolutions.html

3.1.3. "TPTW" normalment huwa magħmul minn membru trasversali u huwa kkollegat mal-membri tal-ġnub tax-xaży jew elementi strutturali oħra tal-vettura;

3.1.4. "Kabina separata" tfisser kabina mqabbda mal-istruttura tal-vettura permezz ta' rabtiet speċifiċi u li ma għandhiex parti komuni mal-parti tal-merkanzija.

PARTI I. APPROVAZZJONI TAT-TPTW

4. DEFINIZZJONIJIET

4.1. Għall-fini tal-Parti I ta' dan ir-Regolament:

4.1.1. "Approvazzjoni ta' TPTW" tfisser l-approvazzjoni ta' tip bħal dan ta' TPTW fir-rigward tar-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 7 hawn taħt;

4.1.2. "Tip ta' TPTW" tfisser TPTW li ma għandhomx differenzi fir-rigward tal-karatteristiki essenzjali bħalma huma l-għamla, id-dimensjonijiet, il-mod kif jintrabat, il-materjali, u l-marki msemmija fil-paragrafu 5.2.2 hawn taħt.

5. APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI

5.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' TPTW għandha tkun ippreżentata mill-manifattur tat-TPTW jew mir-rappreżentant tiegħu li jkun akkreditat kif suppost.

5.2. Għal kull tip ta' TPTW, l-applikazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn:

5.2.1. Dokumentazzjoni fi tliet kopji li tagħti deskrizzjoni tal-karatteristiki tekniċi tat-TPTW: id-dimensjonijiet tiegħu, il-linji u l-materjali li jikkostitwuh u l-metodu tiegħu ta' installazzjoni;

5.2.2. Kampjun tat-tip ta' TPTW: il-kampjun għandu jkun immarkat b'mod ċar u li ma jitħassarx fuq il-komponenti ewlenin kollha tiegħu bl-isem jew il-marka tan-negozju tal-applikant u d-deskrizzjoni tat-tip.

5.3. Rappreżentant tat-TPTW tat-tip li jrid jiġi approvat għandu jitressaq quddiem is-Servizz Tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni.

5.4. L-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip għandha tivverifika l-eżistenza ta' arranġamenti sodisfaċenti biex jiġi żgurat il-kontroll effettiv tal-konformità tal-produzzjoni qabel ma tingħata l-approvazzjoni tat-tip.

6. APPROVAZZJONI

6.1. Jekk it-TPTW imressaq għall-approvazzjoni skont dan ir-Regolament jissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafu 7 ta' hawn taħt, l-approvazzjoni ta' dak it-tip ta' TPTW għandha tingħata.

6.2. Għandu jiġi assenjat numru tal-approvazzjoni għal kull tip approvat. L-ewwel żewġ numri tiegħu (bħalissa 03, li jikkorrispondu għas-serje 03 ta' emendi) għandhom jindikaw is-serje ta' emendi li jinkorporaw l-aktar emendi tekniċi ewlenin reċenti li saru lir-Regolament fi żmien il-ħruġ tal-approvazzjoni. L-istess Parti Kontraenti ma tistax tassenja l-istess numru lil tip ieħor ta' tagħmir għall-protezzjoni mit-trikkib minn wara.

6.3. L-avviż tal-approvazzjoni, jew tal-estensjoni jew iċ-ċaħda tal-approvazzjoni ta' tip ta' TPTW skont dan ir-Regolament għandu jintbagħat lill-Partijiet tal-Ftehim tal-1958 li japplikaw dan ir-Regolament, permezz ta' formola li tikkonforma mal-mudell fl-Anness 1 ta' dan ir-Regolament.

6.4. Għandha titwaħħal, b'mod li tispikka u f'post li huwa aċċessibbli bla diffikultà speċifikat fil-formola tal-approvazzjoni, lil kull TPTW li jikkonforma ma' tip ta' TPTW approvat permezz ta' dan ir-Regolament, marka internazzjonali ta' approvazzjoni li tikkonsisti minn:

6.4.1. Ċirku madwar l-ittra "E" segwit bin-numru li jiddistingwi l-pajjiż li ta l-approvazzjoni ([3]);

6.4.2. In-numru ta' dan ir-Regolament, segwit mill-ittra "R", sing u n-numru tal-approvazzjoni fuq il-lemin taċ-ċirku preskritt fil-paragrafu 6.4.1.

6.5. Il-marka tal-approvazzjoni għandha tkun tista' tinqara b'mod ċar u ma tkunx tista' titħassar.

6.6. L-Anness 4 ta' dan ir-Regolament jagħti eżempji ta' arranġamenti ta' marki tal-approvazzjoni.

([3]) In-numri li jiddistingwu l-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim tal-1958 jidhru għal darb'oħra fl-Anness 3 tar-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3), id-dokument ECE/TRANS/WP.29/78/Rev. 6, Anness 3 - www.unece.org/trans/main/wp29/wp29wgs/wp29gen/wp29resolutions.html

7. REKWIŻITI

7.1. Il-membru trasversali għandu jkollu għoli tas-sezzjoni ta' mill-inqas 120 mm. L-estremitajiet laterali tal-membru trasversali ma għandhomx ikunu milwija lejn in-naħa ta' wara jew ikollhom tarf sporġut li jaqta'; din il-kundizzjoni hija sodisfatta meta l-estremitajiet laterali tal-membru trasversali jkunu ttundjati fuq barra u jkollhom raġġ tal-kurvatura ta' mhux inqas minn 2,5 mm.

TPTW intenzjonat li jintrama fuq vetturi tal-kategoriji M, N_1, N_2 b'massa massima li ma taqbiżx it-8 t, O_1, O_2 fuq il-vetturi tal-kategorija G u fuq vetturi armati bi pjattaforma lift, il-membru trasversali għandu jkollu għoli tas-sezzjoni ta' mill-inqas 100 mm.

7.2. It-TPTW jista' jitfassal b'tali mod li jkollu bosta pożizzjonijiet fin-naħa ta' wara tal-vettura. F'dan il-każ, għandu jkun hemm metodu garantit biex jiġi assigurat fil-pożizzjoni tas-servizz sabiex b'hekk tiġi prekluża kwalunkwe bidla mhux intenzjonata tal-pożizzjoni. Il-forza applikata mill-operatur sabiex ivarja l-pożizzjoni tat-tagħmir ma tistax taqbeż l-40 daN.

Għal TPTW li huwa ddiżinjat biex ikollu diversi pożizzjonijiet fuq wara tal-vettura, għandha tiġi pprovduta tikketta b'simbolu/i jew fil-lingwa/i tal-pajjiż fejn jinbiegħ it-tagħmir biex tinforma lill-operatur dwar il-pożizzjoni standard tat-TPTW sabiex joffri protezzjoni effettiva kontra t-trikkib minn wara.

Id-daqs minimu tat-tikketta: 60 × 120 mm

7.3. It-TPTW għandu joffri reżistenza adegwata għall-forzi applikati b'mod parallel għall-assi longitudinali tal-vettura. (Dan għandu jintwera skont il-proċedura tat-test u l-kundizzjonijiet tat-test speċifikati fl-Anness 5 ta' dan ir-Regolament.) Id-diflessjoni orizzontali massima tat-TPTW osservata matul u wara l-applikazzjoni tal-forzi tat-test speċifikati fl-Anness 5 għandha tiġi rreġistrata fuq il-komunikazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip (l-Anness 1, l-entrata 8).

7.4. Għall-vetturi armati bi pjattaforma lift fuq wara, l-armar tat-tagħmir kontra t-trikkib jista' jkun interrott għall-finijiet tal-mekkaniżmu. F'dan il-każ, japplikaw ir-rekwiżiti speċjali li ġejjin:

7.4.1. Id-distanza laterali massima libera mkejla bejn l-elementi tat-tagħmir kontra t-trikkib u l-elementi tal-pjattaforma lift, li jgħaddu minn ġewwa l-feṫa meta l-lift jopera u li jinneċessitaw il-feṫa, tista' tammonta għal mhux aktar minn 2,5 cm.

7.4.2. L-elementi individwali tat-tagħmir ta' protezzjoni kontra t-trikkib, inklużi dawk esposti tal-mekkaniżmu tal-lift, meta preżenti, għandhom ikollhom erja tal-wiċċ effettiva, f'kull każ, ta' mill-inqas 420 cm^2.

7.4.3. Għall-membri trasversali b'għoli tas-sezzjoni ta' inqas minn 120 mm, l-elementi individwali tat-tagħmir ta' protezzjoni kontra t-trikkib, inklużi dawk esposti tal-mekkaniżmu tal-lift, meta preżenti, għandhom ikollhom erja tal-wiċċ effettiva, f'kull każ, ta' mill-inqas 350 cm^2.

7.4.4. Fil-każ ta' vetturi li għandhom wisa' ta' inqas minn 2 000 mm u meta jkun impossibbli li jintlaħqu r-rekwiżiti tal-paragrafi 7.4.2 u 7.4.3, il-wiċċ effettiv jista' jitnaqqas bil-kundizzjoni li jintlaħqu l-kriterji tar-reżistenza.

8. KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

Il-proċeduri tal-konformità tal-produzzjoni għandhom ikunu konformi ma' dawk stabbiliti fil-Ftehim tal-1958, Skeda 1 (E/ECE/TRANS/505/Rev.3), b'dawn ir-rekwiżiti:

8.1. Kull tagħmir għall-protezzjoni mit-trikkib minn wara approvat skont dan ir-Regolament għandu jiġi manifatturat b'tali mod li jkun konformi mat-tip approvat billi jintlaħqu r-rekwiżiti stipulati fil-paragrafu 7 ta' hawn fuq.

8.2. L-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tista', fi kwalunkwe ħin, tivverifika l-metodi tal-kontroll tal-konformità applikati f'kull faċilità tal-produzzjoni. Il-frekwenza normali ta' dawn il-verifiki għandha tkun darba kull sentejn.

9. PENALI GĦAL NUQQAS TA' KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

9.1. L-approvazzjoni mogħtija fir-rigward ta' tip ta' TPTW skont dan ir-Regolament tista' tiġi rtirata jekk ir-rekwiżiti stipulati hawn fuq ma jintlaħqux jew jekk it-tagħmir protettiv weħel mit-test preskritt fl-Anness 5.

9.2. Jekk Parti Kontraenti għall-Ftehim li tapplika dan ir-Regolament tirtira l-approvazzjoni li tat qabel, għandha mill-ewwel tgħarraf b'dan lill-Partijiet Kontraenti l-oħra li japplikaw dan ir-Regolament permezz ta' formola tal-komunikazzjoni konformi mal-mudell fl-Anness 1 ta' dan ir-Regolament.

10. MODIFIKA U ESTENSJONI TAL-APPROVAZZJONI TA' TIP TA' TPTW

10.1. Kull modifika għat-tip ta' TPTW għandha tiġi nnotifikata lill-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip li tkun approvat it-tip ta' TPTW. L-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip tista' mbagħad jew:

10.1.1. Tqis li l-modifiki magħmula x'aktarx ma jkollhomx effett negattiv sinifikanti u li xorta waħda t-TPTW għadu konformi mar-rekwiżiti; jew

10.1.2. Teżiġi rapport ġdid tat-test mis-Servizz Tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet.

10.2. Il-konferma jew ir-rifjut ta' approvazzjoni, bl-ispeċifikazzjoni tal-alterazzjonijiet, għandha tiġi kkomunikata permezz tal-proċedura speċifikata fil-paragrafu 6.3 ta' hawn fuq lill-Partijiet tal-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament.

10.3. L-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip li toħroġ l-estensjoni tal-approvazzjoni għandha tassenja numru tas-serje għal din l-estensjoni u għandha tinforma b'dan lill-Partijiet l-oħra għall-Ftehim tal-1958 li japplikaw dan ir-Regolament permezz ta' formola ta' komunikazzjoni li tkun konformi mal-mudell fl-Anness 1 ta' dan ir-Regolament.

11. PRODUZZJONI MWAQQFA B'MOD DEFINITTIV

Jekk id-detentur tal-approvazzjoni jwaqqaf għalkollox il-manifattura ta' tip ta' tagħmir għall-protezzjoni mit-trikkib minn wara approvat skont dan ir-Regolament, huwa għandu jgħarraf dwar dan lill-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip li tat l-approvazzjoni. Malli tirċievi l-komunikazzjoni rilevanti, dik l-Awtorità għandha tavża b'dan lill-Partijiet tal-Ftehim tal-1958 li japplikaw dan ir-Regolament permezz ta' formola ta' komunikazzjoni li tkun konformi mal-mudell fl-Anness 1 ta' dan ir-Regolament.

12. ISMIJIET U INDIRIZZI TAS-SERVIZZI TEKNIĊI RESPONSABBLI MIT-TWETTIQ TAT-TESTIJIET TAL-APPROVAZZJONI U TAL-AWTORITAJIET TAL-APPROVAZZJONI TAT-TIP

Il-Partijiet tal-Ftehim tal-1958 li japplikaw dan ir-Regolament għandhom jikkomunikaw lis-Segretarjat tan-Nazzjonijiet Uniti l-ismijiet u l-indirizzi tas-Servizzi Tekniċi responsabbli mit-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni u tal-Awtoritajiet tal-Approvazzjoni tat-Tip li jagħtu l-approvazzjoni u li lilhom għandhom jintbagħtu l-formoli li jiċċertifikaw approvazzjoni jew estensjoni jew rifjut jew irtirar ta' approvazzjoni, maħruġa f'pajjiżi oħrajn.

PARTI II. APPROVAZZJONI TA' VETTURA FIR-RIGWARD TAL-INSTALLAZZJONI TA' TPTW TA' TIP APPROVAT

13. DEFINIZZJONIJIET

13.1. Għall-finijiet tal-Parti II ta' dan ir-Regolament:

13.1.1. "Approvazzjoni ta' vettura" tfisser l-approvazzjoni ta' tip ta' vettura fir-rigward tal-installazzjoni ta' TPTW ta' tip approvat skont il-Parti I ta' dan ir-Regolament;

13.1.2. "Tip ta' vettura" tfisser vetturi li mhumiex differenti f'aspetti essenzjali bħal:

Il-wisa' tal-fus ta' wara;

L-istruttura, id-dimensjonijiet, l-għamla u l-għoli mill-art tal-parti ta' wara tal-vettura u l-karatteristiki tas-sospensjoni, sa fejn dawn għandhom influwenza fuq ir-rekwiżiti speċifikati fil-paragrafu 19 ta' dan ir-Regolament;

It-TPTW approvati armati fuq il-vettura.

13.2. Definizzjonijiet oħra applikabbli għal din il-Parti II jinsabu fil-paragrafu 3 ta' dan ir-Regolament.

14. APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI

14.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' tip ta' vettura fir-rigward tal-immuntar ta' TPTW ta' tip approvat għandha titressaq mill-manifattur tal-vettura jew mir-rappreżentant tiegħu li jkun akkreditat b'mod xieraq.

14.2. Din għandha tkun akkumpanjata mid-dokumenti msemmija hawn taħt fi tliet kopji u mid-dettalji li ġejjin:

14.2.1. Tpinġijiet tal-vettura li juru, skont il-kriterji msemmija fil-paragrafu 13.1.2 ta' dan ir-Regolament, it-tip tal-vettura f'elevazzjoni mill-ġenb u minn wara bl-indikazzjoni tal-pożizzjoni tat-TPTW approvat/i u d-dettalji tad-diżinn tal-elementi tagħhom ta' mmuntar għal max-xażi tal-vettura;

14.2.2. Il-massa massima tal-vettura;

14.2.3. Lista ta' TPTW maħsuba li jintramaw fuq vettura;

14.2.4. Fuq talba tal-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip għandha tkun ipprovduta wkoll il-formola ta' komunikazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip (jiġifieri l-Anness 1 ta' dan ir-Regolament) ta' kull TPTW.

14.3. Għandha tingħata vettura rappreżentattiva tat-tip li għandu jiġi approvat u armata b'TPTW approvat lis-Servizz Tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni.

14.3.1. Vettura li ma jkollhiex il-komponenti kollha li jikkorrispondu mat-tip, tista' tiġi aċċettata għall-ittestjar kemm-il darba l-applikant ikun jista' juri għas-sodisfazzjon tal-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip, li n-nuqqas tal-komponenti eskluży ma għandu l-ebda effett fuq ir-riżultati tal-verifiki, sa fejn huma kkonċernati r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

14.4. L-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip għandha tivverifika l-eżistenza ta' arranġamenti sodisfaċenti li jiżguraw kontrolli effettivi fuq il-konformità tal-produzzjoni qabel ma tingħata l-approvazzjoni tat-tip.

15. APPROVAZZJONI

15.1. Jekk il-vettura mressqa għall-approvazzjoni skont dan ir-Regolament tkun mgħammra b'TPTW approvat u tissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafu 16 ta' hawn taħt, u tkun ġiet ittestjata bil-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2.2, l-approvazzjoni ta' dak it-tip ta' vettura għandha tingħata.

15.2. Għandu jiġi assenjat numru tal-approvazzjoni għal kull tip approvat. L-ewwel żewġ ċifri tiegħu (bħalissa 03, li jikkorrispondu għas-serje 03 ta' emendi) għandhom jindikaw is-serje ta' emendi li tinkorpora l-emendi tekniċi ewlenin l-aktar reċenti li saru għar-Regolament fi żmien il-ħruġ tal-approvazzjoni. L-istess Parti Kontraenti ma tistax tassenja l-istess numru lil tip ieħor ta' vettura.

15.3. In-notifika tal-approvazzjoni jew tal-estensjoni jew taċ-ċaħda tal-approvazzjoni ta' tip ta' vettura skont dan ir-Regolament għandha tintbagħat lill-Partijiet tal-Ftehim tal-1958 li japplikaw dan ir-Regolament, permezz ta' formola li tikkonforma mal-mudell fl-Anness 2 ta' dan ir-Regolament.

15.4. Ma' kull vettura li tikkonforma ma' tip ta' vettura approvata skont dan ir-Regolament, b'mod li jolqot l-għajn u f'post faċilment aċċessibbli kif speċifikat fil-formola tal-approvazzjoni, għandha titwaħħal marka tal-approvazzjoni internazzjonali magħmula minn:

15.4.1. Ċirku madwar l-ittra "E" segwit bin-numru li jiddistingwi l-pajjiż li ta l-approvazzjoni ([4]);

15.4.2. In-numru ta' dan ir-Regolament, segwit mill-ittra "R", sing u n-numru tal-approvazzjoni fuq il-lemin taċ-ċirku preskritt fil-paragrafu 15.4.1.

15.5. Jekk il-vettura tikkonforma ma' tip approvat ta' vettura, skont wieħed jew aktar mir-Regolamenti l-oħra annessi mal-Ftehim, fil-pajjiż li jkun ħareġ l-approvazzjoni skont dan ir-Regolament, is-simbolu preskritt fil-paragrafu 15.4.1 m'hemmx għalfejn ikun ripetut; f'każ bħal dan, in-numri tar-Regolament u tal-approvazzjoni u s-simboli addizzjonali tar-Regolamenti kollha li skonthom tkun ingħatat l-approvazzjoni fil-pajjiż li jkun ta l-approvazzjoni skont dan ir-Regolament, għandhom jitqiegħdu f'kolonni vertikali fuq il-lemin tas-simbolu preskritt fil-paragrafu 15.4.1.

15.6. Il-marka tal-approvazzjoni għandha tkun tista' tinqara b'mod ċar u ma tkunx tista' titħassar.

15.7. Il-marka tal-approvazzjoni għandha titqiegħed qrib ta' jew fuq il-pjanċa tad-data tal-vettura mwaħħla mill-manifattur.

15.8. L-Anness 4 ta' dan ir-Regolament jagħti eżempji ta' arranġamenti ta' marki tal-approvazzjoni.

([4]) In-numri li jiddistingwu l-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim tal-1958 jidhru għal darb'oħra fl-Anness 3 tar-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3), id-dokument ECE/TRANS/WP.29/78/Rev. 6, Anness 3 - www.unece.org/trans/main/wp29/wp29wgs/wp29gen/wp29resolutions.html

16. REKWIŻITI GĦALL-INSTALLAZZJONI TA' TPTW APPROVAT

16.1. Għall-vetturi tal-kategoriji N_2 b'massa massima li taqbeż it-8 t, N_3, O_3 u O_4, il-qtugħ mill-art fir-rigward tan-naħa t'isfel tat-tagħmir protettiv, anke f'każ li l-vettura ma tkunx mgħobbija, ma għandux jaqbeż:

(a) 450 mm għal vetturi bil-mutur u trejlers b'sospensjoni idropnewmatika, idrawlika jew pnewmatika jew tagħmir għall-invellar awtomatiku skont it-tagħbija. Fi kwalunkwe każ, angolu tat-tluq sa 8° skont l-ISO 612:1978 bi qtugħ mill-art massimu ta' 550 mm għandu jitqies li jissodisfa r-rekwiżiti.

(b) 500 mm jew angolu tat-tluq skont l-ISO 612:1978 ta' 8°, skont liema huwa l-inqas, għal vetturi oħra minbarra dawk elenkati f'(a) hawn fuq. Fi kwalunkwe każ, angolu tat-tluq sa 8° skont l-ISO 612:1978 bi qtugħ mill-art massimu ta' 550 mm għandu jitqies li jissodisfa r-rekwiżiti.

Dan ir-rekwiżit japplika għall-wisa' sħiħa tal-vettura bil-mutur jew it-trejler u għandu jkun tali li l-għoli fuq l-art tal-punti tal-applikazzjoni tal-forzi tat-test applikati fuq it-tagħmir skont il-Parti I ta' dan ir-Regolament u rreġistrat fil-formola tal-komunikazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip (l-Anness 1, l-entrata 7) ma jaqbiżx il-valuri fil-paragrafi (a) u (b) hawn fuq, miżjud b'nofs l-għoli minimu tas-sezzjoni meħtieġ għall-membru trasversali tat-TPTW.

Ir-rekwiżit tal-għoli għall-applikazzjoni tal-forzi tat-test għandu jiġi aġġustat għall-qtugħ mill-art aġġustat minħabba d-dispożizzjonijiet għall-angolu tat-tluq speċifikati hawn fuq.

16.2. Għall-vetturi tal-kategoriji M, N_1, N_2 b'massa massima li ma taqbiżx it-8 t, O_1 u O_2, il-qtugħ mill-art fir-rigward tan-naħa t'isfel tat-tagħmir protettiv, anke f'każ li l-vettura ma tkunx mgħobbija, ma għandux jaqbeż il-550 mm fuq il-wisa' tagħha kollha kemm hi u trid tkun b'tali mod li l-għoli mill-art tal-punti ta' applikazzjoni tal-forzi tat-test applikati lit-tagħmir skont il-Parti I ta' dan ir-Regolament u rreġistrati fil-formola tal-komunikazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip (l-Anness 1, l-entrata 7) ma jaqbiżx is-600 mm.

16.3. Il-wisa' tat-tagħmir protettiv ta' wara ma għandha fl-ebda punt taqbeż il-wisa' tal-fus ta' wara mkejjel fl-aktar punti 'l barra tar-roti, eskluża l-parti tat-tajers li tesporġi 'l barra viċin tal-art, u t-TPTW ma għandux ikun aktar minn 100 mm iqsar fuq kull naħa. Meta t-tagħmir jinsab fil-karrozzerija tal-vettura jew jinkludi l-karrozzerija u din stess testendi 'l barra mill-wisa' tal-fus ta' wara, ir-rekwiżit li l-wisa' tat-TPTW ma tridx tkun akbar minn dik tal-fus ta' wara ma għandux japplika. Madankollu, fil-każ tal-vetturi tal-kategoriji O_1 u O_2 fejn it-tajers jesporġu aktar minn nofs il-wisa' tagħhom 'il barra mill-karrozzerija tal-vettura (eskluži l-protezzjonijiet tar-roti) jew 'il barra mix-xaži f'każ ta' vettura li ma jkollhiex karrozzerija, il-wisa' tat-TPTW ma għandhiex tkun inqas minn 100 mm imnaqqsa mid-distanza mkejla bejn l-aktar punti 'l ġewwa tat-tajers, eskluża kwalunkwe parti tat-tajers li tesporġi 'l barra viċin l-art, fuq kwalunkwe naħa. Meta jkun hemm aktar minn fus wieħed fuq wara, il-wisa' li għandha tiġi kkunsidrata hija dik tal-aktar fus ta' wara wiesa'. Barra minn hekk, ir-rekwiżiti tal-paragrafi 3.1.2 u 3.1.3 tal-Anness 5 li huma relatati mad-distanza tal-punti ta' applikazzjoni tal-forzi tat-test mit-truf esterni tar-roti ta' wara (l-Anness 1, l-entrata 7) għandhom jiġu vverifikati u rreġistrati fil-formola tal-komunikazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip.

16.4. Għall-vetturi tal-kategoriji M, N_1, N_2 b'massa massima li ma taqbiżx it-8 t, O_1 u O_2, it-tagħmir għandu jintrama b'tali mod li d-distanza orizzontali bejn in-naħa ta' wara tal-membru trasversali tat-tagħmir u l-aktar punt lura fl-estremità ta' wara tal-vettura, inkluża kwalunkwe sistema ta' pjattaforma lift, ma taqbiżx l-400 mm imnaqqsa bl-akbar deformazzjoni totali li tinkludi kemm deformazzjoni plastika u kemm deformazzjoni elastika (il-paragrafu 7.3 tal-Parti I) imkejla u rreġistrata matul it-test, fi kwalunkwe wieħed mill-punti fejn il-forzi tat-test jiġu applikati (l-Anness I, l-entrata 8) matul l-approvazzjoni tat-tip tat-tagħmir għall-protezzjoni mit-trikkib minn wara, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Parti I ta' dan ir-Regolament u rreġistrati fil-formola tal-komunikazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip. Fil-kejl ta' din id-distanza, kwalunkwe parti tal-vettura li hija aktar minn 2 m 'l fuq mill-art għal kull kundizzjoni ta' tagħbija għandha tiġi eskluża.

Għall-vetturi tal-kategoriji N_2 b'massa massima li taqbeż it-8 t, N_3, u l-vetturi tal-kategoriji O_3 u O_4, mgħammra bi pjattaforma lift jew li qed jiġu ddiżinjati bħala trejler tat-tip "tipper", japplika l-istess rekwiżit bħal dak ta' hawn fuq; madankollu, għall-vetturi ta' dawn il-kategoriji, id-distanza orizzontali ma għandhiex taqbeż it-300 mm imkejla man-naħa ta' wara tal-membru trasversali qabel jiġu applikati l-forzi tat-test.

Għall-vetturi tal-kategoriji O_3 u O_4, mingħajr l-ebda sistema ta' pjattaforma lift u li mhumiex qed jiġu ddiżinjati bħala trejler tat-tip "tipper", id-distanzi orizzontali massimi jitnaqqsu għal 200 mm qabel jiġu applikati l-forzi tat-test u 300 mm imnaqqsa bl-akbar deformazzjoni totali li tinkludi kemm deformazzjoni plastika u kemm deformazzjoni elastika (il-paragrafu 7.3 tal-Parti I) imkejla u rreġistrata matul it-test, fi kwalunkwe wieħed mill-punti fejn il-forzi tat-test jiġu applikati (l-Anness I, l-entrata 8).

Fi kwalunkwe każ il-biċċiet ħerġin li mhumiex strutturali, bħall-bozoz ta' wara, u dawk li għandhom daqs ta' inqas minn 50 mm fi kwalunkwe direzzjoni, bħal bumpers tal-gomma, buffers reżiljenti, ċappetti u lukketti, għandhom jiġu eskluži mid-determinazzjoni tal-punt l-aktar lura fl-estremità ta' wara.

Qabel jiġu applikati l-forzi tat-test, id-distanza orizzontali massima permissibbli ta' membru trasversali uniku, segmentat jew inklinat ta' TPTW hija ta' 100 mm bejn in-naħa ta' wara tal-membru trasversali mkejla fil-punt l-aktar 'il quddiem tiegħu u n-naħa ta' wara tal-membru trasversali mkejla fil-punt l-aktar lura tiegħu, imkejla fil-pjan longitudinali tal-vettura.

16.5. It-tagħmir għandu jintrama b'tali mod li wara li jiġu applikati l-forzi tat-test speċifikati fl-Anness 5 għall-vetturi tal-kategoriji N_2 b'massa massima li taqbeż it-8 t, N_3, O_3 u O_4, il-qtugħ mill-art massimu tat-tagħmir protettiv, anke meta l-vettura ma tkunx mgħobbija, fl-ebda punt ma għandu jaqbeż il-valur ta' qabel it-test b'aktar minn 60 mm. Għall-vetturi b'angolu tat-tluq sa 8° (il-paragrafu 16.1) il-qtugħ mill-art massimu ma għandux jaqbeż is-600 mm.

16.6. Il-massa massima tat-tip tal-vettura li għalih intalbet approvazzjoni ma għandhiex taqbeż il-valur indikat tal-formola tal-komunikazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip ta' kull TPTW approvat maħsub biex jintrama fuq dik il-vettura.

16.7. Minħabba d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 7.2 għal TPTW aġġustabbli, it-tikketta għandha titpoġġa xi mkien fejn tkun viżibbli b'mod ċar u permanenti mill-post tax-xufier jew fin-naħa ta' wara tal-vettura maġenb it-TPTW, f'post li huwa viżibbli faċilment.

17. KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

Il-proċeduri tal-konformità tal-produzzjoni għandhom ikunu konformi ma' dawk stabbiliti fil-Ftehim tal-1958, Skeda 1 (E/ECE/TRANS/505/Rev.3), b'dawn ir-rekwiżiti:

17.1. Kull vettura approvata skont dan ir-Regolament għandha tkun manifatturata b'tali mod li tkun konformi mat-tip approvat billi jintlaħqu r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 16 ta' hawn fuq.

17.2. L-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tista', fi kwalunkwe ħin, tivverifika l-metodi tal-kontroll tal-konformità applikati f'kull faċilità tal-produzzjoni. Il-frekwenza normali ta' dawn il-verifiki għandha tkun darba kull sentejn.

18. PENALI GĦAL NUQQAS TA' KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

18.1. L-approvazzjoni mogħtija fir-rigward ta' tip ta' vettura skont dan ir-Regolament tista' tiġi rtirata jekk ir-rekwiżiti stabbiliti hawn fuq ma jiġux issodisfati.

18.2. Jekk Parti Kontraenti għall-Ftehim li tapplika dan ir-Regolament tirtira l-approvazzjoni li tat qabel, għandha mill-ewwel tgħarraf b'dan lill-Partijiet Kontraenti l-oħra li japplikaw dan ir-Regolament permezz ta' formola tal-komunikazzjoni konformi mal-mudell fl-Anness 2 ta' dan ir-Regolament.

19. MODIFIKA U ESTENSJONI TAL-APPROVAZZJONI TA' TIP TA' VETTURA

19.1. Kull modifika għat-tip ta' vettura għandha tiġi nnotifikata lill-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip li tkun approvat it-tip ta' vettura. L-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip tista' mbagħad jew:

19.1.1. Tqis li l-modifiki magħmula mhux probabbli li jkollhom effett ħażin sinifikanti u li, fi kwalunkwe każ, il-vettura għadha konformi mar-rekwiżiti; jew

19.1.2. Teżiġi rapport ġdid tat-test mis-Servizz Tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet.

19.2. Il-konferma jew iċ-ċaħda tal-approvazzjoni, li tispeċifika l-bidla, għandha tkun ikkomunikata lill-Partijiet tal-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament permezz tal-proċedura speċifikata fil-paragrafu 15.3 ta' hawn fuq.

19.3. L-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip li toħroġ l-estensjoni tal-approvazzjoni għandha tassenja numru tas-serje għal din l-estensjoni u għandha tinforma b'dan lill-Partijiet l-oħra għall-Ftehim tal-1958 li japplikaw dan ir-Regolament permezz ta' formola ta' komunikazzjoni li tkun konformi mal-mudell fl-Anness 2 ta' dan ir-Regolament.

20. PRODUZZJONI MWAQQFA B'MOD DEFINITTIV

Jekk id-detentur tal-approvazzjoni jwaqqaf għalkollox il-manifattura ta' tip ta' vettura approvata skont dan ir-Regolament, huwa għandu jgħarraf b'dan lill-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip li tkun tat l-approvazzjoni. Malli tirċievi l-komunikazzjoni rilevanti, dik l-Awtorità għandha tavża b'dan lill-Partijiet l-oħra għall-Ftehim tal-1958 li japplikaw dan ir-Regolament permezz ta' formola ta' komunikazzjoni li tkun konformi mal-mudell fl-Anness 2 ta' dan ir-Regolament.

21. ISMIJIET U INDIRIZZI TAS-SERVIZZI TEKNIĊI RESPONSABBLI MIT-TWETTIQ TAT-TESTIJIET TAL-APPROVAZZJONI U TAL-AWTORITAJIET TAL-APPROVAZZJONI TAT-TIP

Il-Partijiet tal-Ftehim tal-1958 li japplikaw dan ir-Regolament għandhom jikkomunikaw lis-Segretarjat tan-Nazzjonijiet Uniti l-ismijiet u l-indirizzi tas-Servizzi Tekniċi responsabbli mit-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni u tal-Awtoritajiet tal-Approvazzjoni tat-Tip li jagħtu l-approvazzjoni u li lilhom għandhom jintbagħtu l-formoli li jiċċertifikaw approvazzjoni jew estensjoni jew rifjut jew irtirar ta' approvazzjoni, maħruġa f'pajjiżi oħrajn.

PARTI III. APPROVAZZJONI TA' VETTURA FIR-RIGWARD TAL-PROTEZZJONI MIT-TRIKKIB MINN WARA (PTW)

22. DEFINIZZJONIJIET

22.1. Għall-finijiet tal-Parti III ta' dan ir-Regolament:

22.1.1. "Approvazzjoni ta' vettura" tfisser l-approvazzjoni ta' tip ta' vettura fir-rigward tal-PTW tagħha;

22.1.2. "It-tip ta' vettura" tfisser kategorija ta' vetturi li mhumiex differenti fir-rigward tal-punti essenzjali bħalma huma l-wisa' tal-fus ta' wara, l-istruttura, id-dimensjonijiet, l-għamla u l-materjali tal-parti ta' wara tal-vettura, il-karatteristiki tas-sospensjoni sa fejn dawn għandhom influwenza fuq ir-rekwiżiti speċifikati fil-paragrafu 25 ta' dan ir-Regolament;

22.1.3. "Protezzjoni mit-trikkib minn wara (PTW)" tfisser il-preżenza fuq in-naħa ta' wara tal-vettura ta' jew:

22.1.3.1. TPTW speċjali; jew

22.1.3.2. Karrozzerija, partijiet tax-xażi jew komponenti oħra, b'tali mod li, minħabba l-għamla u l-karatteristiki tagħhom, dawn l-elementi jistgħu jitqiesu li jilħqu kompletament jew parzjalment il-funzjoni tat-TPTW.

22.2. Definizzjonijiet oħra applikabbli għal din il-Parti III jinsabu fil-paragrafu 3 ta' dan ir-Regolament.

23. APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI

23.1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' tip ta' vettura fir-rigward tal-protezzjoni permessa mill-PTW għandha titressaq mill-manifattur tal-vettura jew mir-rappreżentant tiegħu akkreditat kif xieraq.

23.2. Din għandha tkun akkumpanjata mid-dokumenti msemmija hawn taħt fi tliet kopji u mid-dettalji li ġejjin:

23.2.1. Deskrizzjoni ddettaljata tat-tip tal-vettura fir-rigward tal-istruttura, id-dimensjonijiet, il-linji u l-materjali kostitwenti tagħha sa fejn dawn huma meħtieġa għall-fini ta' dan ir-Regolament;

23.2.2. Tpinġijiet tal-vettura li juru t-tip tal-vettura f'elevazzjoni mill-ġenb u minn wara u dettalji tad-disinn tal-partijiet ta' wara tal-istruttura;

23.2.3. Il-massa massima tal-vettura;

23.2.4. Deskrizzjoni ddettaljata tal-PTW: id-dimensjonijiet, il-linji, il-materjali kostitwenti u l-pożizzjoni tiegħu fil-vettura.

23.3. Għandha tingħata vettura rappreżentattiva tat-tip li għandha tiġi approvata lis-Servizz Tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni tat-tip.

23.3.1. Vettura li ma jkollhiex il-komponenti kollha li jikkorrispondu mat-tip tista' tiġi aċċettata għall-ittestjar, kemm-il darba l-applikant ikun jista' juri għas-sodisfazzjon tal-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip li n-nuqqas tal-komponenti eskluży ma għandu l-ebda effett fuq ir-riżultati tal-verifiki, sa fejn huma kkonċernati r-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

23.4. L-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip għandha tivverifika l-eżistenza ta' arranġamenti sodisfaċenti li jiżguraw kontrolli effettivi fuq il-konformità tal-produzzjoni qabel ma tingħata l-approvazzjoni tat-tip.

24. APPROVAZZJONI

24.1. Jekk il-vettura mressqa għall-approvazzjoni skont dan ir-Regolament tissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafu 2.3(b) jew tal-paragrafu 2.3(c) jew tal-paragrafu 25 u tkun ġiet ittestjata bil-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 2.2, l-approvazzjoni ta' dik it-tip ta' vettura għandha tingħata.

24.2. Għandu jiġi assenjat numru tal-approvazzjoni għal kull tip approvat. L-ewwel żewġ ċifri tiegħu (bħalissa 03, li jikkorrispondu għas-serje 03 ta' emendi) għandhom jindikaw is-serje ta' emendi li tinkorpora l-emendi tekniċi ewlenin l-aktar reċenti li saru lir-Regolament fi żmien il-ħruġ tal-approvazzjoni. L-istess Parti Kontraenti ma tistax tassenja l-istess numru lil tip ieħor ta' vettura.

24.3. In-notifika tal-approvazzjoni jew tal-estensjoni jew iċ-ċaħda tal-approvazzjoni ta' tip ta' vettura skont dan ir-Regolament għandha tintbagħat lill-Partijiet tal-Ftehim tal-1958 li japplikaw dan ir-Regolament, permezz ta' formola li tikkonforma mal-mudell fl-Anness 3 ta' dan ir-Regolament.

24.4. Ma' kull vettura li tikkonforma ma' tip ta' vettura approvata skont dan ir-Regolament, b'mod li jolqot l-għajn u f'post faċilment aċċessibbli kif speċifikat fil-formola tal-approvazzjoni, għandha titwaħħal marka tal-approvazzjoni internazzjonali magħmula minn:

24.4.1. Ċirku madwar l-ittra "E" segwit bin-numru li jiddistingwi l-pajjiż li ta l-approvazzjoni ([5]);

24.4.2. In-numru ta' dan ir-Regolament, segwit mill-ittra "R", sing u n-numru tal-approvazzjoni fuq il-lemin taċ-ċirku preskritt fil-paragrafu 24.4.1.

24.5. Jekk il-vettura tikkonforma ma' tip approvat ta' vettura, skont wieħed jew aktar mir-Regolamenti l-oħra annessi mal-Ftehim, fil-pajjiż li jkun ħareġ l-approvazzjoni skont dan ir-Regolament, is-simbolu preskritt fil-paragrafu 24.4.1 m'hemmx għalfejn ikun ripetut; f'każ bħal dan, in-numri tar-Regolament u tal-approvazzjoni u s-simboli addizzjonali tar-Regolamenti kollha li skonthom tkun ingħatat l-approvazzjoni fil-pajjiż li jkun ta l-approvazzjoni skont dan ir-Regolament, għandhom jitqiegħdu f'kolonni vertikali fuq il-lemin tas-simbolu preskritt fil-paragrafu 24.4.1.

24.6. Il-marka tal-approvazzjoni għandha tkun tista' tinqara b'mod ċar u ma tkunx tista' titħassar.

24.7. Il-marka tal-approvazzjoni għandha titqiegħed qrib ta' jew fuq il-pjanċa tad-data tal-vettura mwaħħla mill-manifattur.

24.8. L-Anness 4 ta' dan ir-Regolament jagħti eżempji ta' arranġamenti ta' marki tal-approvazzjoni.

25. REKWIŻITI GĦALL-PTW

25.1. Għall-vetturi tal-kategoriji N_2 b'massa massima li taqbeż it-8 t, N_3, O_3 u O_4, il-qtugħ mill-art fir-rigward tan-naħa t'isfel tal-PTW, anke f'każ li l-vettura ma tkunx mgħobbija, ma għandux jaqbeż:

(a) 450 mm għal vetturi bil-mutur u trejlers b'sospensjoni idropnewmatika, idrawlika jew pnewmatika jew tagħmir għall-invellar awtomatiku skont it-tagħbija. Fi kwalunkwe każ, angolu tat-tluq sa 8° skont l-ISO 612:1978 bi qtugħ mill-art massimu ta' 550 mm għandu jitqies li jissodisfa r-rekwiżiti.

(b) 500 mm jew angolu tat-tluq skont l-ISO 612:1978 ta' 8°, skont liema huwa l-inqas, għal vetturi oħra minbarra dawk elenkati f'(a) hawn fuq. Fi kwalunkwe każ, angolu tat-tluq sa 8° skont l-ISO 612:1978 bi qtugħ mill-art massimu ta' 550 mm għandu jitqies li jissodisfa r-rekwiżiti.

Dan ir-rekwiżit japplika għall-wisa' sħiħa tal-vettura bil-mutur jew it-trejler u għandu jkun tali li l-għoli fuq l-art tal-punti tal-applikazzjoni tal-forzi tat-test applikati fuq it-tagħmir skont il-Parti I ta' dan ir-Regolament u rreġistrat fil-formola tal-komunikazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip (l-Anness 1, l-entrata 7) ma jaqbiżx il-valuri fis-subparagrafi (a) u (b) hawn fuq, miżjud b'nofs l-għoli minimu tas-sezzjoni meħtieġ għall-membru trasversali tat-TPTW.

Ir-rekwiżit tal-għoli għall-applikazzjoni tal-forzi tat-test għandu jiġi aġġustat għall-qtugħ mill-art aġġustat minħabba d-dispożizzjonijiet għall-angolu tat-tluq speċifikati hawn fuq.

25.2. Għall-vetturi tal-kategoriji M, N_1, N_2 b'massa massima li ma taqbiżx it-8 t, O_1 u O_2, il-qtugħ mill-art fir-rigward tan-naħa t'isfel tat-tagħmir protettiv, anke f'każ li l-vettura ma tkunx mgħobbija, ma għandux jaqbeż il-550 mm fuq il-wisa' tagħha kollha kemm hi u jrid tkun b'tali mod li l-għoli mill-art tal-punti ta' applikazzjoni tal-forzi tat-test applikati lill-PTW ma jaqbiżx is-600 mm.

25.3. Għall-vetturi tal-kategoriji M, N_1, N_2 b'massa massima li ma taqbiżx it-8 t, O_1 u O_2, il-PTW għandu jkun kemm jista' jkun qrib in-naħa ta' wara tal-vettura. Id-distanza orizzontali massima bejn in-naħa ta' wara tat-tagħmir u l-aktar punt lura fl-estremità ta' wara tal-vettura, inkluża kwalunkwe sistema ta' pjattaforma lift, ma taqbiżx l-400 mm imkejla man-naħa ta' wara tal-membru trasversali u rreġistrata waqt it-test meta jiġu applikati l-forzi tat-test.

Għall-vetturi tal-kategoriji N_2 b'massa massima li taqbeż it-8 t, N_3, u vetturi tal-kategoriji O_3 u O_4, mgħammra bi pjattaforma lift jew li qed jiġu ddiżinjati bħala trejler tat-tip "tipper", japplika l-istess rekwiżit bħal dak ta' hawn fuq; madankollu, għall-vetturi ta' dawn il-kategoriji, id-distanza orizzontali ma għandhiex taqbeż it-300 mm imkejla man-naħa ta' wara tal-membru trasversali qabel jiġu applikati l-forzi tat-test.

Għal PTW għall-vetturi tal-kategoriji O_3 u O_4, mingħajr l-ebda sistema ta' pjattaforma lift u li mhumiex qed jiġu ddiżinjati bħala trejler tat-tip "tipper", id-distanza orizzontali massima titnaqqas għal 200 mm qabel u 300 mm matul it-test meta jiġu applikati l-forzi tat-test.

([5]) In-numri li jiddistingwu l-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim tal-1958 jidhru għal darb'oħra fl-Anness 3 tar-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3), id-dokument ECE/TRANS/WP.29/78/Rev. 6, Anness 3 - www.unece.org/trans/main/wp29/wp29wgs/wp29gen/wp29resolutions.html

Fi kwalunkwe każ il-biċċiet ħerġin li mhumiex strutturali, bħall-bozoz ta' wara, u dawk li għandhom daqs ta' inqas minn 50 mm fi kwalunkwe direzzjoni, bħal bumpers tal-gomma, buffers reżiljenti, ċappetti u lukketti, għandhom jiġu esklużi mid-determinazzjoni tal-punt l-aktar lura fl-estremità ta' wara.

Qabel jiġu applikati l-forzi tat-test, id-distanza orizzontali massima permissibbli ta' membru trasversali uniku, segmentat jew inklinat ta' TPTW hija ta' 100 mm bejn in-naħa ta' wara tal-membru trasversali mkejla fil-punt l-aktar 'il quddiem tagħha u n-naħa ta' wara tal-membru trasversali mkejla fil-punt l-aktar lura tagħha, mkejla fil-pjan longitudinali tal-vettura.

25.4. Il-wisa' tal-PTW ma għandha fl-ebda punt taqbeż il-wisa' tal-fus ta' wara mkejla fl-aktar punti 'l barra tar-roti, eskluża l-parti tat-tajers li tesporġi 'l barra viċin l-art, u l-PTW ma għandux ikun aktar minn 100 mm iqsar fuq kull naħa. Meta t-tagħmir jinsab fil-karrozzerija tal-vettura jew huwa inkluż fiha u din stess testendi 'l barra mill-wisa' tal-fus ta' wara, ir-rekwiżit li l-wisa' tal-PTW ma tridx tkun akbar minn dik tal-fus ta' wara, ma għandux japplika. Madankollu, fil-każ tal-vetturi tal-kategoriji O_1 u O_2 fejn it-tajers jesporġu aktar minn nofs il-wisa' tagħhom 'il barra mill-karrozzerija tal-vettura (eskluż il-parafangi) jew 'il barra mix-xażi (f'każ ta' vettura li ma jkollhiex karrozzerija), il-wisa' tal-PTW ma għandiex tkun inqas minn 100 mm imnaqqsa mid-distanza mkejla bejn l-aktar punti 'l ġewwa tat-tajers, eskluż kwalunkwe parti tat-tajers li tesporġi 'l barra viċin l-art, fuq kull naħa. Meta jkun hemm aktar minn fus wieħed fuq wara, il-wisa' li għandha tiġi kkunsidrata hija dik tal-aktar fus ta' wara wiesa'. Barra minn hekk, ir-rekwiżiti tal-paragrafi 3.1.2 u 3.1.3 tal-Anness 5 li huma relatati mad-distanza tal-punti ta' applikazzjoni tal-forzi tat-test mit-truf esterni tar-roti ta' wara (l-Anness 1, l-entrata 7) għandhom jiġu vverifikati u rreġistrati fil-formola tal-komunikazzjoni tal-approvazzjoni tat-tip.

25.5. Il-membru trasversali għandu jkollu għoli tas-sezzjoni ta' mill-inqas 120 mm. L-estremitajiet laterali tal-membru trasversali ma għandhomx ikunu milwija lejn in-naħa ta' wara jew ikollhom tarf sporġut li jaqta', u din il-kundizzjoni hija sodisfatta meta l-estremitajiet laterali tal-PTW jkunu ttundjati fuq barra u jkollhom raġġ tal-kurvatura ta' mhux inqas minn 2,5 mm.

Għall-vetturi tal-kategoriji M, N_1, N_2 b'massa massima li ma taqbiżx it-8 t, O_1, O_2, il-vetturi tal-kategorija G u fuq vetturi armati bi pjattaforma lift, il-membru trasversali għandu jkollu għoli tas-sezzjoni ta' mill-inqas 100 mm.

25.6. Il-PTW tista' titfassal b'tali mod li jkollha bosta pożizzjonijiet fin-naħa ta' wara tal-vettura. F'dan il-każ, għandu jkun hemm metodu garantit biex jiġi assigurat fil-pożizzjoni tas-servizz sabiex b'hekk tiġi prekluża kwalunkwe bidla mhux intenzjonata ta' pożizzjoni. Il-forza applikata mill-operatur sabiex ivarja l-pożizzjoni tal-PTW ma tistax taqbeż l-40 daN.

Għal PTW li huma ddiżinjati biex ikollhom diversi pożizzjonijiet fuq wara tal-vettura, għandha tiġi pprovduta tikketta fil-lingwa/i tal-pajjiż fejn jinbiegħ t-tagħmir.

Id-daqs minimu tat-tikketta: 60 × 120 mm.

It-tikketta għandha titpoġġa xi mkien fejn tkun viżibbli b'mod ċar u permanenti min-naħa ta' wara tal-vettura maġenb il-PTW, sabiex tinforma lill-operatur bil-pożizzjoni standard tal-PTW sabiex joffri protezzjoni effettiva kontra t-trikkib minn wara.

25.7. Il-PTW għandha toffri reżistenza adegwata għall-forzi applikati b'mod parallel għall-assi longitudinali tal-vettura u tkun imqabbda, meta tkun fil-pożizzjoni tas-servizz, mat-travi man-naħa tax-xażi jew ma' kwalunkwe ħaġa li tissostitwihom. Dan ir-rekwiżit għandu jiġi ssodisfat jekk jintwera li kemm matul l-applikazzjoni tal-forzi deskritti fl-Anness 5 kif ukoll warajha d-distanza orizzontali bejn in-naħa ta' wara tal-PTW u l-aktar punt lura tal-estremità ta' wara tal-vettura, inkluża kwalunkwe sistema ta' pjattaforma lift, ma taqbiżx l-400 mm fi kwalunkwe wieħed mill-punti fejn jiġu applikati l-forzi. Fil-kejl ta' din id-distanza, kwalunkwe parti tal-vettura li hija aktar minn 2 m 'l fuq mill-art meta l-vettura mhijiex mgħobbija għandha tiġi eskluża.

Wara li jiġu applikati l-forzi tat-test speċifikati fl-Anness 5 għall-vetturi tal-kategoriji N_2 b'massa massima li taqbeż it-8 t, N_3, O_3 u O_4, il-qtugħ mill-art massimu tat-tagħmir protettiv, anke meta l-vettura ma tkunx mgħobbija, fl-ebda punt ma għandu jaqbeż il-valur ta' qabel it-test b'aktar minn 60 mm. Għall-vetturi b'angolu tat-tluq sa 8° (il-paragrafu 16.1) il-qtugħ mill-art massimu ma għandux jaqbeż is-600 mm.

25.8. Ma għandux ikun meħtieġ test prattiku meta jista' jintwera permezz ta' kalkolu li r-rekwiżiti tal-Anness 5, paragrafu 3, huma ssodisfati. Fejn jitwettaq test prattiku, it-tagħmir għandu jkun ikkollegat mat-travi man-naħa tax-xażi tal-vettura jew ma' parti sinifikanti ta' dawn jew ma' membri strutturali oħra.

25.9. Għall-vetturi armati bi pjattaforma lift fuq wara, l-armar tat-tagħmir kontra t-trikkib jista' jkun interrott għall-finijiet tal-mekkaniżmu. F'dan il-każ, japplikaw ir-rekwiżiti speċjali li ġejjin:

25.9.1. Id-distanza laterali massima libera mkejla bejn l-elementi tat-tagħmir kontra t-trikkib u l-elementi tal-pjattaforma lift, li jgħaddu minn ġewwa l-fetħa meta l-lift jopera u li jinneċessitaw il-fetħa, tista' tammonta għal mhux aktar minn 2,5 cm.

25.9.2. L-elementi individwali tal-protezzjoni kontra t-trikkib, inklużi dawk esposti tas-sistema tal-lift, meta preżenti, għandu jkollhom erja tal-wiċċ effettiva, f'kull każ, ta' għall-inqas 420 cm^2.

25.9.3. Għall-membri trasversali b'għoli tas-sezzjoni ta' inqas minn 120 mm, l-elementi individwali tat-tagħmir ta' protezzjoni kontra t-trikkib, inklużi dawk esposti tal-mekkaniżmu tal-lift, meta preżenti, għandhom ikollhom erja tal-wiċċ effettiva, f'kull każ, ta' mill-inqas 350 cm^2.

25.9.4. Fil-każ tal-vetturi li għandhom wisa' ta' inqas minn 2 000 mm u meta jkun impossibbli li jintlaħqu r-rekwiżiti tal-paragrafi 25.9.2 u 25.9.3 ta' hawn fuq, il-wiċċ effettiv jista' jitnaqqas bil-kundizzjoni li jintlaħqu l-kriterji tar-reżistenza.

26. KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

Il-proċeduri tal-konformità tal-produzzjoni għandhom ikunu konformi ma' dawk stabbiliti fil-Ftehim tal-1958, Skeda 1 (E/ECE/TRANS/505/Rev.3), b'dawn ir-rekwiżiti:

26.1. Kull vettura approvata skont dan ir-Regolament għandha tkun manifatturata b'tali mod li tkun konformi mat-tip approvat billi jintlaħqu r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 25 ta' hawn fuq.

26.2. L-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip li tkun tat l-approvazzjoni tat-tip tista', fi kwalunkwe ħin, tivverifika l-metodi tal-kontroll tal-konformità applikati f'kull faċilità tal-produzzjoni. Il-frekwenza normali ta' dawn il-verifiki għandha tkun darba kull sentejn.

27. PENALI GĦAL NUQQAS TA' KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

27.1. L-approvazzjoni mogħtija fir-rigward ta' tip ta' vettura skont dan ir-Regolament tista' tiġi rtirata jekk ir-rekwiżiti stipulati hawn fuq ma jintlaħqux jew jekk il-vettura teħel mit-test preskritt fl-Anness 5.

27.2. Jekk Parti Kontraenti għall-Ftehim li tapplika dan ir-Regolament tirtira l-approvazzjoni li tat qabel, għandha mill-ewwel tgħarraf b'dan lill-Partijiet Kontraenti l-oħra li japplikaw dan ir-Regolament permezz ta' formola tal-komunikazzjoni konformi mal-mudell fl-Anness 3 ta' dan ir-Regolament.

28. MODIFIKA U ESTENSJONI TAL-APPROVAZZJONI TA' TIP TA' VETTURA

28.1. Kull modifika għat-tip ta' vettura għandha tiġi nnotifikata lill-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip li tkun approvat it-tip ta' vettura. L-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip tista' mbagħad jew:

28.1.1. Tqis li l-modifiki magħmula mhux probabbli li jkollhom effett ħażin sinifikanti u li, fi kwalunkwe każ, il-vettura għadha konformi mar-rekwiżiti; jew

28.1.2. Teżiġi rapport ġdid tat-test mis-Servizz Tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet.

28.2. Il-konferma jew ir-rifjut ta' approvazzjoni, bl-ispeċifikazzjoni tal-alterazzjonijiet, għandha tiġi kkomunikata permezz tal-proċedura speċifikata fil-paragrafu 24.3 ta' hawn fuq lill-Partijiet tal-Ftehim li japplikaw dan ir-Regolament.

28.3. L-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip li toħroġ l-estensjoni tal-approvazzjoni għandha tassenja numru tas-serje għal din l-estensjoni u għandha tinforma b'dan lill-Partijiet l-oħra għall-Ftehim tal-1958 li japplikaw dan ir-Regolament permezz ta' formola ta' komunikazzjoni li tkun konformi mal-mudell fl-Anness 3 ta' dan ir-Regolament.

29. PRODUZZJONI MWAQQFA B'MOD DEFINITTIV

Jekk id-detentur tal-approvazzjoni jieqaf kompletament mill-produzzjoni tat-tip ta' vettura approvat skont dan ir-Regolament, huwa għandu jinforma lill-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip li tkun tat l-approvazzjoni. Malli tirċievi l-komunikazzjoni rilevanti, dik l-Awtorità għandha tavża b'dan lill-Partijiet tal-Ftehim tal-1958 li japplikaw dan ir-Regolament permezz ta' formola ta' komunikazzjoni li tkun konformi mal-mudell fl-Anness 3 ta' dan ir-Regolament.

30. ISMIJIET U INDIRIZZI TAS-SERVIZZI TEKNIĊI RESPONSABBLI MIT-TWETTIQ TAT-TESTIJIET TAL-APPROVAZZJONI U TAL-AWTORITAJIET TAL-APPROVAZZJONI TAT-TIP

Il-Partijiet tal-Ftehim tal-1958 li japplikaw dan ir-Regolament għandhom jikkomunikaw lis-Segretarjat tan-Nazzjonijiet Uniti l-ismijiet u l-indirizzi tas-Servizzi Tekniċi responsabbli mit-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni u tal-Awtoritajiet tal-Approvazzjoni tat-Tip li jagħtu l-approvazzjoni u li lilhom għandhom jintbagħtu l-formoli li jiċċertifikaw approvazzjoni jew estensjoni jew rifjut jew irtirar ta' approvazzjoni, maħruġa f'pajjiżi oħrajn.

PARTI IV. DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻIZZJONALI

31. DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻIZZJONALI

31.1. Mid-data uffiċjali tad-dħul fis-seħħ tas-serje 03 ta' emendi, l-ebda Parti Kontraenti li tapplika dan ir-Regolament ma għandha tirrifjuta li tagħti jew tirrifjuta li taċċetta approvazzjonijiet tat-tip ta' vetturi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati skont il-Partijiet I, II jew III ta' dan ir-Regolament kif emendat mis-serje 03 ta' emendi.

31.2. Sal-1 ta' Settembru 2019, l-ebda Parti Kontraenti li tapplika dan ir-Regolament ma għandha tirrifjuta li tagħti jew tirrifjuta li taċċetta approvazzjonijiet tat-tip ta' vetturi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati skont il-Partijiet I, II jew III ta' dan ir-Regolament kif emendat mis-serje 02 ta' emendi.

31.3. Sa mill-1 ta' Settembru 2019, il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament għandhom jagħtu approvazzjonijiet biss jekk it-tip ta' vettura, komponent jew unità teknika separata li għandhom jiġu approvati jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Parti I, II jew III ta' dan ir-Regolament, kif emendat mis-serje 03 ta' emendi.

31.4. Mill-1 ta' Settembru 2021, il-Partijiet Kontraenti li japplikaw dan ir-Regolament mhumiex obbligati li jaċċettaw, għall-fini ta' approvazzjoni tat-tip nazzjonali jew reġjonali, vettura, komponent jew unità teknika separata approvati skont il-Parti I, II jew III tas-serje 03 ta' emendi għal dan ir-Regolament.


31.5. Sal-1 ta' Settembru 2021, l-ebda Parti Kontraenti li tapplika dan ir-Regolament ma għandha tirrifjuta li tagħti estensjonijiet ta' approvazzjoni għal vetturi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati li jikkonformaw ma' dan ir-Regolament kif emendat mis-serje 02 ta' emendi. Madankollu, il-Partijiet Kontraenti li għadhom qed jaċċettaw l-approvazzjonijiet skont is-serje 02 ta' emendi kif mogħtija fil-paragrafu 31.4 wara l-1 ta' Settembru 2021 ma għandhomx jirrifjutaw li jagħtu estensjonijiet lill-approvazzjonijiet wara l-1 ta' Settembru 2021.

31.6. Minkejja d-dispożizzjonijiet tranżizzjonali ta' hawn fuq, il-Partijiet Kontraenti li l-applikazzjoni tagħhom ta' dan ir-Regolament tidħol fis-seħħ wara d-data tad-dħul fis-seħħ tal-aktar sensiela reċenti ta' emendi mhumiex obbligati jaċċettaw l-approvazzjonijiet li jkunu ngħataw skont xi waħda mis-sensieli ta' qabel ta' emendi ta' dan ir-Regolament.

ANNESS 1

KOMUNIKAZZJONI

(Format massimu: A4 (210 × 297 mm))



maħruġa minn: Isem l-amministrazzjoni

.....

.....

.....

Dwar (2): Approvazzjoni mogħtija

Approvazzjoni estiża

Approvazzjoni rrifjutata

Approvazzjoni rtirata

Produzzjoni mwaqqfa b'mod definittiv

ta' tip ta' tagħmir għall-protezzjoni kontra t-trikkib minn wara (TPTW), skont ir-Regolament tan-NU Nru 58

Nru tal-Approvazzjoni ..... Nru tal-estensjoni .....

1. L-isem jew il-marka kummerċjali tat-tagħmir .....
2. Tip ta' tagħmir .....
3. Isem u indirizz tal-manifattur .....
4. Jekk applikabbli, l-isem u l-indirizz tar-rappreżentant tal-manifattur .....
5. Il-karatteristiki tat-tagħmir (id-dimensjonijiet u l-elementi tiegħu tal-immuntar) .....
6. Test imwettaq fuq vettura/fuq parti rappreżentattiva tax-xażi tal-vettura (2)
7. Pożizzjoni fuq it-tagħmir tal-punti ta' applikazzjoni tal-forzi tat-test .....
8. Diflessjoni orizzontali u vertikali massima osservata matul u wara l-applikazzjoni tal-forzi tat-test fl-Anness 5 .....
9. Restrizzjonijiet fuq l-applikazzjoni

   Vetturi li fuqhom jista' jintrama t-tagħmir (jekk applikabbli) .....

   Karatteristiki tax-xażi li fuqu jista' jintrama t-tagħmir (eż. ebusija, dimensjonijiet tal-profil, …) (jekk applikabbli) .....
10. Massa massima tal vettura li fuqha jista' jintrama t-tagħmir .....
11. Tagħmir imressaq għall-approvazzjoni fi .....
12. Is-Servizz Tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni .....
13. Id-data tar-rapport maħruġ minn dak is-servizz .....
14. In-numru tar-rapport maħruġ minn dak is-servizz .....
15. L-approvazzjoni nghatat/ġiet rifjutata/ġiet estiża/ġiet irtirata fir-rigward tat-TPTW (2)
16. Pożizzjoni tal-marka tal-approvazzjoni fuq it-tagħmir .....

17. Post .....

18. Data .....

19. Firma .....

20. Id-dokumenti li ġejjin, li għandhom in-numru ta' approvazzjoni muri hawn fuq, huma disponibbli meta jintalbu:

Tpinġijiet, dijagrammi u pjanijiet ta' tfassil tal-komponenti tal-istruttura meqjusa li huma ta' importanza għall-finijiet ta' dan ir-Regolament;

Informazzjoni ddettaljata dwar it-tagħmir li tirrappreżenta l-istrutturi tal-vettura użati għall-immuntar ta' TPTW (eż mumenti ta' inerzja tat-travi);

Fejn applikabbli tpinġijiet tat-tagħmir protettiv u l-pożizzjoni ta' fejn jinsab fil-vettura.

---


(1) In-numru li jiddistingwi l-pajjiż li ta/estenda/irrifjuta/irtira l-approvazzjoni (ara d-dispożizzjonijiet ta' approvazzjoni f'dan ir-Regolament).

(2) Ingassa dak li ma japplikax.

ANNESS 2

KOMUNIKAZZJONI

(Format massimu: A4 (210 × 297 mm))



maħruġa minn: Isem l-amministrazzjoni

.....

.....

.....

Dwar (2): Approvazzjoni mogħtija

Approvazzjoni estiża

Approvazzjoni rrifjutata

Approvazzjoni rtirata

Produzzjoni mwaqqfa b'mod definittiv

ta' tip ta' vettura fir-rigward tal-armar ta' tagħmir għall-protezzjoni mit-trikkib minn wara (TPTW) ta' tip approvat, skont il-Parti II tar-Regolament tan-NU Nru 58

Nru tal-Approvazzjoni ..... Nru tal-estensjoni .....

1. L-isem jew il-marka kummerċjali tal-vettura .....
2. Tip tal-vettura .....
3. L-isem u l-indirizz tal-manifattur .....
4. Jekk applikabbli, l-isem u l-indirizz tar-rappreżentant tal-manifattur .....
5. Deskrizzjoni fil-qosor tat-tip ta' vettura fir-rigward tad-dimensjonijiet u l-linji tagħha .....
6. L-isem jew il-marka kummerċjali tat-TPTW u n-numru/i tal-approvazzjoni tiegħu/tagħhom .....
7. Massa massima tal-vettura .....
8. Il-vettura tressqet għall-approvazzjoni fi .....
9. Is-Servizz Tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni .....
10. Id-data tar-rapport maħruġ minn dak is-servizz .....
11. In-numru tar-rapport maħruġ minn dak is-servizz .....
12. Approvazzjoni mogħtija/miċħuda/estiża/irtirata (2)
13. Il-pożizzjoni tal-marka tal-approvazzjoni fuq il-vettura .....
14. Post .....
15. Data .....
16. Firma .....
17. Id-dokumenti li ġejjin, li għandhom in-numru ta' approvazzjoni muri hawn fuq, huma disponibbli meta jintalbu:

    Tpinġijiet, dijagrammi u pjanijiet ta' tfassil tal-komponenti tal-istruttura meqjusa li huma ta' importanza għall-finijiet ta' dan ir-Regolament;


    Fejn applikabbli tpinġijiet tat-tagħmir protettiv u l-pożizzjoni ta' fejn jinsab fil-vettura.

(1) In-numru li jiddistingwi l-pajjiż li ta/estenda/irrifjuta/irtira l-approvazzjoni (ara d-dispożizzjonijiet ta' approvazzjoni f'dan ir-Regolament).
(2) Ingassa dak li ma japplikax.

ANNESS 3

KOMUNIKAZZJONI

(Format massimu: A4 (210 × 297 mm))



mahruġa minn: Isem l-amministrazzjoni

.....

.....

.....

Dwar (2): Approvazzjoni moghtija

Approvazzjoni estiża

Approvazzjoni rrifjutata

Approvazzjoni rtirata

Produzzjoni mwaqqfa b'mod definittiv

ta' tip ta' vettura fir-rigward tal-protezzjoni mit-trikkib minn wara (PTW) skont il-paragrafu 2.3(b)/paragrafu 2.3(c)/Parti III (2) tar-Regolament tan-NU Nru 58.

Nru tal-Approvazzjoni ..... Nru tal-estensjoni .....

1. L-isem jew il-marka kummerċjali tal-vettura .....
2. Tip tal-vettura .....
3. L-isem u l-indirizz tal-manifattur .....
4. Jekk applikabbli, l-isem u l-indirizz tar-rappreżentant tal-manifattur .....
5. Deskrizzjoni fil-qosor tat-tip ta' vettura fir-rigward tal-istruttura, id-dimensjonijiet, il-linji u kwalunkwe elementi ta' twahhil .....
6. Deskrizzjoni fil-qosor tal-PTW, fir-rigward tad-dimensjonijiet u l-materjali kostitwenti taghha .....
7. Massa massima tal-vettura .....
8. Il-valur tal-forza applikata fit-test .....
9. Il-vettura tressqet ghall-approvazzjoni fi .....
10. Is-Servizz Tekniku responsabbli mit-twettiq tat-testijiet tal-approvazzjoni .....
11. Id-data tar-rapport mahruġ minn dak is-servizz .....
12. In-numru tar-rapport mahruġ minn dak is-servizz.....
13. Approvazzjoni moghtija/miċhuda/estiża/irtirata (2)
14. Il-pożizzjoni tal-marka tal-approvazzjoni fuq il-vettura .....
15. Post .....
16. Data .....
17. Firma .....
18. Id-dokumenti li ġejjin, li ghandhom in-numru ta' approvazzjoni muri hawn fuq, huma disponibbli meta jintalbu:

    Tpinġijiet, dijagrammi u pjanijiet ta' tfassil tal-komponenti tal-istruttura meqjusa li huma ta' importanza ghall-finijiet ta' dan ir-Regolament;

    Fejn applikabbli tpinġijiet tat-taghmir protettiv u l-pożizzjoni ta' fejn jinsab fil-vettura.


(1) In-numru li jiddistingwi l-pajjiż li ta/estenda/irrifjuta/irtira l-approvazzjoni (ara d-dispożizzjonijiet ta' approvazzjoni f'dan ir-Regolament).
(2) Ingassa dak li ma japplikax.

ANNESS 4

ARRANĠAMENTI TAL-MARKI TAL-APPROVAZZJONI

MUDELL A

(ara l-paragrafi 6.4, 15.4, 24.4 ta' dan ir-Regolament)




a = 8 mm, minimu

Il-marka tal-approvazzjoni ta' hawn fuq imwaħħla ma' vettura jew ma' TPTW turi li t-tip ta' vettura jew it-tip ta' TPTW ikkonċernat, ġie approvat fin-Netherlands (E 4) skont ir-Regolament tan-NU Nru 58 bin-numru ta' approvazzjoni 032439 fir-rigward tal-protezzjoni kontra t-trikkib minn wara f'każ ta' ħabta. L-ewwel żewġ ċifri tan-numru tal-approvazzjoni jindikaw li l-approvazzjoni ngħatat skont ir-rekwiżiti tar-Regolament tan-NU Nru 58 kif emendat bis-serje 03 ta' emendi.

MUDELL B

(ara l-paragrafi 6.5, 15.5, 24.5 ta' dan ir-Regolament)



a = 8 mm, minimu

Il-marka ta' approvazzjoni ta' hawn fuq li titwaħħal mal-vettura turi li t-tip ta' vettura kkonċernata ġie approvat fin-Netherlands (E 4) skont ir-Regolamenti tan-NU Nru 58 u Nru 31 ([1]). In-numri tal-approvazzjoni jindikaw li, fid-dati meta ngħataw l-approvazzjonijiet rispettivi, ir-Regolament tan-NU Nru 58 kien jinkludi s-serje 03 ta' emendi u r-Regolament tan-NU Nru 31 kien għadu fil-forma oriġinali tiegħu.

([1]) Dan l-aħħar numru qed jingħata biss bħala eżempju.

ANNESS 5

KUNDIZZJONIJIET U PROĊEDURI TAT-TEST

1. KUNDIZZJONIJIET TAT-TEST GĦAL TPTW


1.1. Fuq talba tal-manifattur it-test jista' jitwettaq jew:

1.1.1. Fuq vettura tat-tip li għalih huwa maħsub it-TPTW; f'dan il-każ għandhom jiġu osservati l-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 2 ta' hawn taħt; jew

1.1.2. Fuq parti mix-xażi tat-tip ta' vettura li għalih huwa maħsub it-TPTW; din il-parti għandha tkun rappreżentattiva tat-tipi(i) ta' vettura rilevanti; jew

1.2. Fil-każ tal-paragrafu 1.1.2, il-partijiet użati biex jgħaqqdu t-TPTW ma' parti tax-xażi tal-vettura għandhom ikunu ekwivalenti għal dawk li jintużaw biex jitwaħħal it-TPTW meta jiġi installat fil-vettura. Il-parti tax-xażi tista' titwaħħal fuq bank tat-test kif muri fil-Figura ta' hawn taħt, u dan jirrappreżenta r-rekwiżiti minimi li għandhom jiġu ssodisfati. L-istrutturi użati bħala r-rejls ta' mal-ġenb għandhom ikunu rappreżentattivi tax-xażi tal-vetturi li għalihom hija intenzjonata s-sistema ta' protezzjoni kontra t-trikkib minn wara.

Id-distanza tal-ewwel punt fejn jeħel it-TPTW mill-bank tat-test riġidu ma għandhiex tkun inqas minn 500 mm. Jekk jintuża puntal dijagonali biex iżomm it-TPTW, din id-distanza għandha titkejjel bejn l-ewwel punt fejn jeħel il-puntal mal-istrutturi tar-rejl ta' mal-ġenb u l-bank tat-test riġidu.



1.3. Fuq talba tal-manifattur u bil-kunsens tas-Servizz Tekniku l-proċedura tat-test deskritta fil-paragrafu 3 tista' ssir b'simulazzjoni permezz tal-kalkolu.

Il-mudell matematiku għandu jiġi vvalidat b'paragun mal-kundizzjonijiet tat-test attwali. Għal dan il-għan, għandu jsir test fiżiku għall-finijiet li jiġu mqabbla r-riżultati miksuba meta jintuża l-mudell matematiku mar-riżultati ta' test fiżiku. Il-komparabbiltà tar-riżultati tat-test għandha tiġi ppruvata. Għandu jiġi abbozzat rapport ta' validazzjoni mill-manifattur jew mis-servizz tekniku u jiġi sottomess lill-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip.

Kwalunkwe bidla li ssir lill-mudell matematiku jew lis-softwer li x'aktarx tinvalida r-rapport tal-validazzjoni għandha titressaq għall-attenzjoni tal-Awtorità tal-Approvazzjoni tat-Tip li tista' teżiġi li jitwettaq proċess ta' validazzjoni ġdid.

1.4. Fil-każ ta' TPTW fejn il-membru trasversali ma jkollux wiċċ ċatt vertikali ta' mill-inqas 50 fil-mija tal-għoli minimu tal-membru trasversali skont il-paragrafi 7.1 jew 25.5 ta' dan ir-Regolament fl-għoli tal-punti tal-applikazzjoni tal-forzi tat-test skont il-paragrafi 16.1 jew 25.1, il-manifattur għandu jforni lis-Servizz Tekniku b'tagħmir li jippermetti l-applikazzjoni ta' tagħbijiet tat-test orizzontali fuq il-membru trasversali bit-tagħmir tat-test użat mis-Servizz Tekniku. It-tagħmir ma għandux jimmodifika l-karatteristiki dimensjonali u mekkaniċi tat-TPTW jew iżid ir-reżistenza tiegħu waqt it-test. It-tagħmir ma għandux jitwaħħal b'mod riġidu mat-TPTW jew mat-tagħmir tat-test.

2. KUNDIZZJONIJIET TAT-TEST GĦAL VETTURI

2.1. Il-vettura għandha tkun wieqfa fuq art invellata, ċatta, riġida u lixxa.

2.2. Ir-roti ta' quddiem għandhom jippuntaw dritt 'il quddiem.

2.3. It-tajers għandhom jintefħu sal-pressjoni rakkomandata mill-manifattur tal-vettura.

2.4. Il-vettura, jekk huwa meħtieġ li jinkisbu l-forzi meħtieġa tat-test fil-paragrafu 3.1 ta' hawn taħt, tista' titrażżan bi kwalunkwe metodu, u dan il-metodu għandu jkun speċifikat mill-manifattur tal-vettura.

2.5. Il-vetturi mgħammra b'sospensjoni idropnewmatika, idrawlika jew pnewmatika jew tagħmir għall-invellar awtomatiku skont it-tagħbija għandhom jiġu ttestjati bis-sospensjoni jew it-tagħmir fil-kundizzjoni normali tat-tħaddim speċifikata mill-manifattur.

3. IL-PROĊEDURA TAT-TEST

3.1. Ir-rekwiżiti tal-paragrafi 7.3 u 25.7 ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu vverifikati permezz ta' mandrini għall-ittestjar adattati; il-forzi għat-testijiet preskritti fil-paragrafi 3.1.1 u 3.1.2 hawn taħt għandhom jiġu applikati b'mod separat u konsekuttiv, permezz ta' wiċċ ta' mhux aktar minn 250 mm għoli (iżda li jkopri l-għoli massimu tal-membru trasversali jew tal-PTW, l-għoli eżatt għandu jiġi indikat mill-manifattur) u 200 mm wiesa', b'raġġ ta' kurvatura ta' 5 ± 1 mm fit-truf vertikali. Il-PTW għandha toffri reżistenza adegwata għall-forzi applikati b'mod parallel għall-assi longitudinali tal-vettura. Il-wiċċ ma għandux jitwaħħal b'mod riġidu mat-TPTW jew mal-PTW u għandu jiġi artikolat fid-direzzjonijiet kollha. L-għoli mill-art taċ-ċentru tal-wiċċ għandu jiġi definit mill-manifattur fi ħdan il-linji li żammew it-tagħmir orizzontalment. Madankollu, meta t-test jitwettaq fuq vettura, l-għoli ma għandux jaqbeż l-għoli kif speċifikat fil-paragrafi 16.1 u 16.2 jew kif speċifikat fil-paragrafi 25.1 u 25.2 ta' dan ir-Regolament meta l-vettura ma tkunx mgħobbija. L-ordni li fiha l-forzi jiġu applikati tista' tiġi speċifikata mill-manifattur.

It-tagħmir li jintuża biex jiddistribwixxi l-forza tat-test fuq il-wiċċ ċatt imsemmi għandu jitqabbad mal-attwatur tal-forza permezz ta' ġonta tat-tornikett. L-arranġament tal-attwatur tal-forza, sew jekk qed jiġbed u sew jekk qed jimbotta, għandu jiġi rranġat b'tali mod li ma jżid l-ebda ebusija jew stabbiltà mal-istruttura tas-sistema ta' protezzjoni kontra t-trikkib minn wara, jiġifieri ma għandux la jżid il-forza tal-limitu ta' instabbiltà u lanqas inaqqas id-diflessjoni massima tas-sistema ta' protezzjoni kontra t-trikkib minn wara.

3.1.1. Forza orizzontali ta' 180 kN jew 85 fil-mija tal-forza ġġenerata mill-massa massima tal-vettura, skont liema minnhom hija l-inqas, għandha tiġi applikata konsekuttivament f'żewġ punti li jinsabu simetrikament qrib il-linja ċentrali tat-tagħmir jew tal-vettura skont liema minnhom tapplika f'distanza minima ta' 700 mm u massima ta' 1 m. Il-lok eżatt tal-punti ta' applikazzjoni għandhom jiġu speċifikati mill-manifattur.

Minkejja d-dispożizzjoni t'hawn fuq għall-vetturi b'kabini mhux separati tal-kategorija N_2 b'massa massima li ma taqbiżx 8 t, il-forzi orizzontali jistgħu jitnaqqsu għal 100 kN jew 50 fil-mija.

3.1.2. Fil-każijiet definiti fil-paragrafi 1.1.1 u 1.1.2 ta' dan l-Anness, forza orizzontali ta' 100 kN jew 50 fil-mija tal-forza ġġenerata mill-massa massima tal-vettura, skont liema minnhom hija l-inqas, għandha tiġi applikata konsekuttivament f'żewġ punti li jinsabu 300 ± 25 mm mill-pjani longitudinali li huma tanġenzjali għat-truf esterni tar-roti tal-fus ta' wara jew tat-TPTW, jekk taqbeż il-wisa' tal-fus ta' wara, u għal tielet punt li jinsab fil-linja li tgħaqqad dawn iż-żewġ punti, fil-wiċċ vertikali medjan tal-vettura.

Minkejja d-dispożizzjoni ta' hawn fuq għal vetturi b'kabini mhux separati tal-kategorija N_2 b'massa massima li ma taqbiżx it-8 t, il-forzi orizzontali jistgħu jitnaqqsu għal 50 kN jew 25 fil-mija.

3.1.3. Fuq talba tal-manifattur, il-livelli tal-forza jistgħu jitnaqqsu għal 80 fil-mija tar-rekwiżit mogħti fil-paragrafi 3.1.1 sa 3.1.2 għall-vetturi elenkati fl-Anness 6.

3.2. Punti ta' sostituzzjoni tal-applikazzjoni tal-forza

Jekk kwalunkwe punt definit skont il-paragrafu 3.1 jinsab fi ħdan iż-żona ta' interruzzjoni tat-tagħmir ta' protezzjoni kontra t-trikkib kif imsemmi fil-paragrafu 7.4 jew 25.8 ta' dan ir-Regolament, il-forzi tat-test għandhom jiġu applikati fil-punti ta' sostituzzjoni li jinsabu:

3.2.1. għar-rekwiżit tal-paragrafu 3.1.1, fuq il-linja ċentrali orizzontali u fi ħdan 50 mm minn kull tarf vertikali li huwa l-eqreb għall-punti ppjanati tal-applikazzjoni tal-forza, kif definiti fil-paragrafu, u

3.2.2. għar-rekwiżit skont il-paragrafu 3.1.2, fil-punt fejn jiltaqgħu l-linji ċentrali orizzontali u vertikali ta' kull element li huwa l-aktar imbiegħed mil-linja ċentrali vertikali tat-tagħmir jew tal-vettura, skont liema minnhom huwa applikabbli. Dawn il-punti għandhom ikunu massimu ta' 325 mm mill-pjani longitudinali tanġenzjali għat-trufijiet ta' barra tar-roti fuq il-fus ta' wara.

ANNESS 6

VETTURI SPEĊIFIĊI

1. Tipi speċifiċi ta' vetturi

1.1. Vetturi bi strutturi "tipping";

1.2. Vetturi bi pjattaforma lift armata fuq wara.

ANNESS 7

REKWIŻITI GĦAL KATEGORIJI TA' VETTURI DIFFERENTI

Kategorija tal-vettura jew tip tal-vettura	Ġeometrija msemmija fil-paragrafu			Forza tat-test imsemmija fil-paragrafu/i
	Għoli tas-sezzjoni	Qtugħ mill-art qabel it-test	Distanza orizzontali bejn in-naħa ta' wara tat-TPTW u n-naħa ta' wara tal-vettura	
M, N_1, N_2 b'MaxM (*) < 8 t, O_1, O_2, G	2.3/2.4/7.1/25.5	2.3/2.4/16.2/25.2	2.3/2.4/16.4/25.3	2.3/2.4/A5/3.1.1 sa 3.1.2
N_2 b'MaxM (*) > 8 t, N_3	7.1 jew 25.5	16.1 jew 25.1	16.4 jew 25.3	A5/3.1.1 sa 3.1.2
O_3, O_4	7.1 jew 25.5	16.1/16.2 jew 25.1/25.2	16.4 jew 25.3	A5/3.1.1 sa 3.1.2
Vetturi speċifiċi (ara l-Anness 6)	7.1 jew 25.5	16.1/16.2 jew 25.1/25.2	16.4 jew 25.3	A5/3.1.3

(*) MaxM tfisser massa massima.

Nota: Referenza bħal A5/3.1.1 fit-tabella tindika l-anness (l-Anness 5) u l-paragrafu (3.1.1) ta' dak l-Anness, fejn il-vettura jew rekwiżit rilevanti huma deskritti u speċifikati. Referenza bħal 2.3 fit-tabella tindika l-paragrafu (2.3) ta' dan ir-Regolament, fejn ir-rekwiżit rilevanti huwa speċifikat.